MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 34/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Hersey)**

**Vs**
Joseph Grech

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 t'April, 2001 ghall-habta ta' 12.15 p.m. f'Cross Road, Marsa, bhala distributur tal-gas:**
**1) bi ksur tas-sinjali tat-traffiku (m'hemmx dawl);**
**2) u b'mod perikoluz, saq trakk mimli cilindri tal-gass fil-parapett tal-kwerelant sitwat quddiem id-djar numri 92, 93, 94 tal-istess triq;**
**3) fl-istess gurnata u hin bi hsara tal-kwerelant bhala sid tal-imsemmi parapett, ghamel vjolazzjoni kontra l-fuq imsemmi parapett billi illegalment u abbuzivament**

**saq trakk mimli cilindri tal-gas, kif ukoll dahal fl-imsemmi parapett bi vjolazzjoni ta' propjeta' privata.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Frar, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 u l-Artikolu 340 tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati tat-tieni w it-tielet akkuza w ikkundannatu ghall-hlas ta' mitt lira Maltin (LM100) multa w ghal tlett xhur skwalifika milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan. Rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu li ma jkellimx jew javvicinax lill-familja Bonello ghal sena w dan taht penali ta' mitt lira Maltin (LM100). Illiberatu mill-ewwel akkuza peress li ma rrizultax li kien hemm sinjal tat-traffiku maghmul debitament mill-Awtorita' appozita.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Frar, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu l-ewwel akkuza, b'dan illi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu t-tieni w it-tielet akkuza w tilliberah minnhom. Illi f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax u fir-rigward il-piena tintalab ir-riforma tas-sentenza f'dak li ghandu x'jaqsam mal-iskwalifika tal-licenzja.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni tas-seduta tal-lum, li bih eccepiet in-nullita' tar-rikors tal-appell ghaliex ma ntalbitx ir-riforma tas-sentenza appellata, kif kellu jsir skond dak li jinghid fl-artikolu 419 (c);**

**Semghet it-trattazzjoni dwar dan il-punt ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi fil-fatt fil-kaz in ezami l-appellant ma nstabx hati ta' l-ewwel imputazzjoni w gie liberat minnha w nstab hati tat-tieni w t-tielet akkuzi. B'dana kollu fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant talab li din il-Qorti** tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Frar, 2005 in kwantu l-ewwel akkuza, b'dan illi

tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu t-tieni w it-tielet akkuza w tilliberah minnhom, **umbaghad zied jghid** : “illi f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax u fir-rigward il-piena tintalab bir-rispett ir-riforma tas-sentenza f’dak li ghandu x’jaqsam mall-iskwalifika tal-licenzja”.

**Ikkonsidrat ;**

**Li hemm lista formidabbli ta’ decizjonijiet ta’ din il-Qorti diversament preseduta fejn dejjem giet dikjarata n-nullita’ tal-appell - liema nullita’ hija anki** sollevabbli “ex officio**” - jekk il-vot tal-ligi ma jigix osservat skrupolozament , ghaliex dejjem gie ritenut li , meta talba kellha tkun dik ta’ riforma jew varjazzjoni tas-sentenza , izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b’mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null . (App. Krim.** Pul. vs. Mario Camilleri” **–[3.12.2001];** Il-Pulizija vs. Joe Borg **[21.7.1995] u ohrajn ).**

**Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet *funditus* f’din il-kwistjoni fl-appell kriminali** “Il-Pulizija vs. Joseph Galea **[ 30.6.1995]) Per V. De Gaetano J. fejn gie ritenut li :-**

**“minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita’ ta’ appell, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :-**

**(a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe’ li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir** jew **ghat-tibdil tas-sentenza , giet “*very strictly and rigidly interpreted*” - (**“The Police vs. John Hill”**, Criminal Appeal, [23.9.1972]**

**(b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil , fil-prassi ta’ din il-Qorti dejjem gie accettat , fil-kazijiet li hekk jippermettu , li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE’ LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA**

**GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti ,anki jekk jintalab biss it-thassir , din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza , per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant .** Mill-banda l-ohra , jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir , ir-rikors ikun null. **" (emfasita' din il-Qorti), (**Pul.vs. Anthony Zammit **, [1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940;** Pul. vs. Richard Vincenti Kind **, App. Krim. [16.9.72];** Pul. vs. Carmelo Agius **, App. Krim. 14.10.1972).**

**Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma : "**La Polizia vs. Ernesto Laiviera**", [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; "**La Polizia vs Carmelo Carabott et**." [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205;** Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar **, App.Krim. [23.1.1971];** Pulizija vs. Carmelo Farrugia et. **App. Krim. [11.11.1976] ;** Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna **, App. Krim.[ 1.9.1977];** Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et **,[ 26.4.1985]**; Pulizija vs. Anthony Zammit **[1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940** ; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind , **App. Krim. [16.9.1972] ;** Pulizija vs. Carmelo Agius **App. Krim. [14.10.1972];** Pulizija vs. Emmanuel Bonnici **, App. Krim. [5.10.1990];** Pulizija vs. Joseph Desira **[18.3.1972]** ; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg **, [18.3.1972]; u** Pulizija vs. John Vella Chritien **App. Krim. [6. 5. 1972] u** Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia **[13.2.2001].**

**Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata , ghandha tintalab** JEW **ir-revoka** JEW **ir-riforma w fil-fatt hekk tghid il-ligi fl-artikolu fuq citat .**

**Ghalhekk fil-kaz in ezami, ladarba l-appellant ma kienx gie misjub hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu**

**imma biss tat-tieni w it-tielet imputazzjoni w ma nstabx hati ta' w gie liberat mill-ewwel imputazzjoni,** hu kellu jitlob ir-riforma **tas-sentenza appellata. Dan pero' m'ghamlux fil-kaz tal-appell tieghu fil-mertu izda ghamlu biss *in subsidium* ghal dak li jirrigwarda l-parti tal-piena li tikkoncerna s-sospenzsjoni mill-licenzji tas-sewqan.**

Din il-Qorti hija ferm preokkupata bl-incidenza qawwija ta' rikorsi ta' appell li mhux qed jirrispettaw il-vot tal-ligi w l-insenjament tal-gurisprudenza in materja w li qed iwasslu biex ghadd ta' appelli jigu dikjarati nulli.

**Illi fejn sentenza tkun illiberat lill-appellant minn xi akkuza jew akkuzi w sabitu hati ta' xi akkuza ohra jew akkuzi ohrajn, biex ir-rikors tal-appell ikun ritwali w validu , trid dejjem** l-ewwel tintalab IR-RIFORMA **tas-sentenza appellata , umbaghad** irid jigi precizat **f' hix tkun tikkonsisti tali riforma w cioe' l-konferma tal-parti tas-sentenza li l-appellant ma jkunx ihoss li ghandu jappella minnha w r-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza li jhoss ruhu aggravat biha. Fejn tkun qed tintalab ir-revoka ghax l-appell ikun mis-sentenza kollha, hu ritwali li** "in subsidium" **umbaghad jitlob ir-riforma nghidu ahna tal-parti li tirrigwarda l-piena biss f'kaz li s-sentenza dwar il-mertu tigi konfermata. Altrimenti, jekk dan ma jsirx, ir-rikors tal-appell ikun null.**

Fil-kaz in ezami stante li ma ntalbitx ir-riforma tas-sentenza appellata dwar il-mertu, kif kellu jsir, imma biss *in subsidium* dwar il-piena, ir-rikors tal-appell hu null.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddikjara l-appell null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------